TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Tribunal Ghal Talbiet Tal-Konsumatur

CCT 120/15/MS

Norman u Nancy Bugeja
vs
Fair Deal Furniture

ILLUM 23 ta' Novembru 2015.

It-Tribunal

Ra t-talba tar-rikorrenti tat-18 ta' Gunju 2015

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata tat-2 ta' Lulju 2015.

Ra l-atti processwali, sema x-xhieda bil-gurament.

**Ikkunsidra**

Irrizulta illi fit-18 ta' Marzu 2015 ir-rikorrenti xtraw minghand is-socjeta' intimata sufan ta' bit-tlieta u zewg pultruni. Wara biss xahar u nofs indunaw illi l-gilda bdiet titqaxxar f'certi postijiet 'qisu kartun'. Dana minkejja li r-rikorrenti hadu hsieb ta' din l-ghamara billi ghattewhom bi 'throw-over'.

Illi fis-6 ta' Mejju 2015 ir-rappreżentant tas-socjeta' intimata gie mgharraf b'dawn id-difetti u gimgha wara, l-ghamara giet mibgura mill-istess socjeta' mill-haddiema. Wara spezzjoni s-socjeta' intimata assikurat lir-rikorrenti li l-problema setghet tigi solvuta bi spray u r-rizultat ikun sodisfacenti. Fit-22 ta' Mejju ir-rikorrenti ircevew lura s-sufan u l-pultruni izda ma kienux sodsifatti bir-rizultat peress illi l-kulur kien inbidel ghal kollox.

Illi min-naha l-ohra, rapprezentant tas-socjeta' intimata Arnold Vella, filwaqt illi ikkonferma illi r-rikorrenti xtraw l-oggetti minghandhom ghall-prezz indikat, allega illi l-ghamara giet maltrattata il-ghaliex it-tbajja li kien hemm ma kienx tqaxxir izda brix u ghalhekk ma kienux disponibbli illi jbiddlu s-sufan. Meta wera dan il-hsieb lir-rikorrenti, dawna qalulu illi l-oggetti ma rieduhomx. Is-socjeta' intimata kompliet tirrifjuta illi tiehu lura l-ghamara. Finalment waslu ghal ftehim illi s-sufan jigi sprejjat u avzaw lir-rikorrenti li l-kulur jaf ivarja xi ftit. Fi kliem Arnold Vella r-rikorrenti 'ma kellhiex ghazla ohra u accettat li ahna nisprejjaw dawk il-postijiet. Ahna ma konniex disposti nbiddlu s-sufan ghax hu mibrux u mhux imqaxxar ....'

Illi x-xoghol sar izda dan ma kienx sodisfacenti ghar-rikorrenti. Is-sur Vella baqa' jtenni illi s-sufan kien mibrux u biex sprejjawh kienu ghamlulhom pjacir u kienu avzawhom illi l-kulur ma kienx ser jaqbel mija fil-mija. Fil-fehma ta' Vella, il-kulur kien gie tajjeb. Vella xehed ukoll illi hu ma regax mar ghand ir-rikorrenti wara illi s-sufan gie ritornat lilhom.

**Ikkunsidra**

It-Tribunal jinnota illi l-verzjoni illi Vella ta lit-Tribunal hija differenti f'dik illi ta fl-eccezzjonijiet u r-risposta tas-socjeta' intimata fejn hemmhekk rrikonoxxa illi kien hemm tqaxxir fuq is-sufan, izda allega illi l-hsara saret ghax tpogga xi haga mas-sufan jew inkella ghax intuza prodott zbaljat biex jitnaddaf.

Is-socjeta' intimata fir-risposta taghha dejjem uzat il-kelma 'tqaxxir' u mhux 'brix'. Kien biss quddiem dan it-Tribunal meta xehed Arnold Vella illi ntuzat il-kelma 'brix'.

**Ikkunsidra**

Illi t-Tribunal ra r-ritratti li hemm ezebiti f'dawn l-atti fejn il-hsarat huma ben vizibbli u dawn jaghtu kredenza lill-verzjoni tar-rikorrenti. It-Tribunal seta' jara illi anke mill-hjata s-sufan qed jizzarrat u l-workmanship tas-sufan huwa ta kwalita inferjuri. Di piu' it-Tribunal ma jharisx b'simpatija lejn il-bdil ta' verzjoni fil-kamp tas-socjeta' intimata. Din allegat illi sar uzu hazin jew intuza prodott mhux adegwat ghat-tindif tas-sufan. Dan bl-edba mod ma gie ippruvat. Anzi, irrizulta illi r-rikorrenti hadu hsieb tal-ghamara mill-ewwel gurnata billi uzaw *throw-over* fuq il-gilda. Ghalhekk, jekk kellu difett, dan kien prezenti mill-bidu nett u l-gilda mhijiex sejra timmanifesta din it-tip ta' hsara f'terminu daqshekk qasir.

F'dawn ic-cirkostanzi s-socjeta' intimata kellha fuq spallejha il-garanzija statutorja a beneficcju tar-rikorrenti u jekk l-oggett mibjugh kellu difetti allura f'dan il-kaz, jew kellu jigi mibdul jew inkella jinghata l-flus lura.

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kopja tal-kuntratt ta' bejgh ezebit fl-atti fejn jidher car illi hemm kontradizzjoni fil-paragrafu numru 12 kif ukoll dak 26. F'paragrafu 12, is-socjeta' intimata qieghda tigarantixxi 'workmanship and material ...' u fl-istess nifs tghid illi 'fittings and fabric' mhumiex koperti bil-garanzija. It-Tribunal jinnota illi l-kliem 'material' u 'fabric' huma zewg termini ghall-istess haga u l-fittings isiru permezz tal-'workmanship'. Ghalhekk it-Tribunal ihoss illi dana huwa loghob bil-kliem biex is-socjeta' intimata tezimi ruhha mir-responsabbilta' . L-istess jinghad ghal paragrafu 26, fejn tintuza l-kelma 'tale quale' ghall-oggett mixtri mis-showroom, f'liema kaz, dan ma jkunx kopert bil-garanzija. It-Tribunal ihoss illi b'dawn il-klawzoli l-bejjiegh qed jipprova jahrab mill-garanzija ta' oggetti mibjugh minnu.

**Ikkunsidra**

Illi jirrizulta illi r-rikorrenti ma xtaqux izommu l-ghamara u ma riedux jaccettawh kif inhu u lanqas ma riedu illi jigi mizbugh. Ghalhekk it-Tribunal jemmen il-versjoni tar-rikorrenti meta dawn ighidu illi ma kienux gew mgharrfa illi l-kulur ma kienx ser jigi jaqbel. Ir-rikorrenti kienu gustifikati li ma accettawx it-tiswija illi ghamlet is-socjeta' konvenuta stante d-diskrepanza fil-kulur.

F'dan il-kaz, is-socjeta' konvenuta imissha hadet lura s-sufan u tirrifondi l-prezz imhallas.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi Jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna illi s-socjeta' intimata tirrifondi l-ammont ta' elf tmien mija u disghin Euro ( €1,890 ) lir-rikorrenti, prezz debitament imhallas ghal sufan u zewg pultruni difettuzi bi dritt tas-socjeta' intimata illi tiehu lura l-ghamara.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru